# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2002

## Avviz numru : 18/2002GT(GM)

**Caruana and Cini CompanyLimited**

**vs**

**Louis Farrugia**

**It-Tribunal;**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi l-konvenut xtara diversi kwantitajiet ta' materjal in konnessjoni mad-dawl u ilma minghand is-socjeta' attrici.**

**Illi ghal din il-provvista hija dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u sitt liri Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm906.92) kif jirrizulta minn anness statement.**

**Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi il-hlas baqa' ma sarx.**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan il-bilanc flimkien ma l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja cioe' l-10 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 10 ta' Ottubru 2001 u tal-ittra ufficjali spedita f'Novembru 2001."**

**Ra n-nota t'ammissjoni pprezentata fl-udjenza tat-Tribunal tal-21 ta' Marzu 2001;**

**Ghaldaqstant, stante l-istess ammissjoni, jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta' disa' mija u sitt liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm906.92c), bl-imghax legali mill-10 t'Ottubru 2001 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal, tal-ittra interpellatorja tal-**

**10 t'Ottubru 2001 u l-ittra ufficcjali ta' Novembru 2001, a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**